**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**
**Mussie Amare Kiflom**

**Kumpilazzjoni 532/2018**

**Illum 6 ta' Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mussie Amare Kiflom** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 00114554 (A) billi huwa akkuzat fl-20 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (01:00 hrs) gewwa l-fond D Restaurant, Sqaq l-Ajkla, Marsa (Malta) u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abraham Kidane Shewit, hekk kif kien iccertifikat mit-tabib Dr. Angel Galdes Med. Reg. 3803;

2. U aktar talli hebb kontra Habtom Teklegerish Abraham (ID 0043649A) u Abraham Kidane Shewit sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara;
3. U aktar talli ghamel lil Abraham Kidane Shewit ingurji u theddid u/jew ipprovoka jew ingurja b'mod li hareg 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
4. U aktar talli kien jinstab fis-sakra f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku;

Il-Qorti giet gentilment mitluba tapplika l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur Habtom Teklegerish Abraham (ID 0043649A) u Abraham Kidane Shewit

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba tapplika Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur Habtom Teklegerish Abraham (ID 0043649A) u Abraham Kidane Shewit.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tlettax (13) -il xhud kif gej:

Abraham Kidane Shewit (*a fol* 13 et. seq.); Habtom Teklegerish Abraham (*a fol* 20 et. seq.); Spettur Stacy Attard (*a fol* 24 et. seq.); PS 1236 Joseph Gatt (*a fol* 39 et. seq.); Dr Angel Galdes (*a fol* 44 et. seq.); PC 1056 Carl Debono (*a fol* 46 et. seq.); PC 1049 William Joseph Grech (*a fol* 48 et. seq.); PC 1056 Carl Debono (*a fol* 62 et. seq.); PC 538 Raymond Joseph

Azzopardi (*a fol* 64 et. seq.); PC 408 Floyd Duca (*a fol* 66 et. seq.); PC 661 Christian Grech (*a fol* 68 et. seq.); PC 486 Ryan Camilleri (*a fol* 70 et. seq.); Dr Martin Bajada (*a fol* 75 et. seq.).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 73*) datata 17 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat **Mussie Amare Kiflom** biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Artikoli 338(ff), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Artikoli 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Dicembru 2018 (a fol. 74), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-17 ta' Dicembru 2018, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li matul is-seduta tas-6 ta' Frar 2019 ai termini tal-Artikolu 392(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali, l-imputat debitament assistit mill-Avukat Dottor Frank Cassar u minn interpretu stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluz fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom

bħala regola dawn il-Qrati jimponu piena ta' priġunerija; wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex tiddeċiedi jekk hux ser terġa lura minnha, u wara anke li kkonferixxa mal-Avukat Difensur tramite s-servizzi tal-interpretu maħtur, l-imputat wieġeb li hhu ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma għandhiex alternattiva oħra għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ilu mill-21 ta' Awwissu 2018 sat-12 ta' Ottubru 2018 b'arrest preventiv;

Semgħet lill-partijiet il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jittrattaw dwar il-piena fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom dwar il-piena;

Il-Qorti xtaqet ukoll li tisma' lill-avukat tal-*parte civile* f'dan il-kaz izda imsejjah diversi drabi f'hinijiet differenti ma deherx izda meta se taghti s-sentenza se tiehu hsieb li tipprovdi ghas-sigurta' tal-istess *parte civile*;

Fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

<u>**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**</u>

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun*

*gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita

[1] Ref Ir-**Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

**Decide**

Li wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 338(f) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat, fuq l-ammissjoni tieghu stess ħati tal- imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal- fatt li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri wara li nqraw l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u li diga' ghamel perjodu bejn 21 ta' Awwissu 2018 sat-12 ta' Ottubru 2018 taht arrest priventiv fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundanah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabbiltà tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil-hati Mussie Amare Kiflom jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu biex izomm il-kwiet ma' Abraham Kidane Shewit u Habtom Taklegarid Abraham kif ukoll li jzomm il-bon-ordni pubbliku, u dan taht penali ta' elfejn euro (€2,000) ghal zmien sena millum.

Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil Mussie Amare Kiflom jhallas is-somma ta' tliet mija u tlieta u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€393.41) bhala spejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien xahar millum.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**